**_Ruling_ mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 369 tal-15 ta' Marzu 2016 dwar punt imqajjem mill-Onor. Robert Cutajar dwar tweġiba għall-Mistoqsija Parlamentari 23810**

Fis-seduta tal-bieraħ, 14 ta' Marzu 2016, l-Onor. Robert Cutajar talab *ruling* mingħand is-Sedja dwar jekk il-Ministru setax jirrifjuta li jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-minuti ta' laqgħat ta' kunsill lokali. Nikkwota:

> **"ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Sur President, nixtieqek tintervjeni fuq Mistoqsija Parlamentari 23810 li jien għamilt lill-Ministru għall-Ġustizzja u Gvern Lokali b'rabta ma' dokumenti relatati mal-kunsilli lokali.
>
> Il-punt tiegħi, Mr Speaker, kien li ġaladarba l-Awditur Ġenerali jippreżenta r-rapport dwar l-operat tal-kunsilli lokali lil din il-Kamra, u f'seduti preċedenti kien hemm anke dokumenti li tressqu b'rabta mal-kunsilli lokali, jien tlabt lill-Ministru kkonċernat biex ipoġġi siltiet mill-minuti ta' kunsilli lokali partikolari, liema minuti l-Ministru deherlu li ma kellux ipoġġihom fuq il-Mejda tal-Kamra.
>
> **MR SPEAKER:** Grazzi. Se nagħti l-kelma lill-Ministru Owen Bonnici.
>
> **ONOR. OWEN BONNICI:** Xtaqt nispjega u nirringrazzja lill-ħabib tiegħi talli qanqal dan il-punt. L-*issue* hija din: jien id-deċiżjoni ħadtha wara li rriflettejt. L-*issue* hija li kunsill lokali huwa entità awtonoma u indipendenti skont il-liġi. Jiġifieri jien naħseb li kieku qed nitkellmu fuq dipartiment jew entità li jien responsabbli tagħha bħal, pereżempju, il-Kunsill Malti għall-Arti, u l-ħabib tiegħi jekk jgħidli nippubblika l-minuti, m'għandix diffikultà, nagħtihomlu jekk hemm bżonn minuta wara, għax dak huwa dritt tiegħu; però, meta niġu biex nitkellmu dwar il-kunsilli lokali jien naħseb li hemm bżonn issir distinzjoni.
>
> Jekk kunsill lokali huwa awtorità awtonoma u distinta mill-Gvern Ċentrali, il-Gvern Ċentrali meta jkun qed jippreżenta pereżempju l-minuti li huma *resi* pubbliċi minn dik l-awtorità indipendenti, jien inkun qed ngħin fl-awtonomija tal-kunsilli lokali jew le? U jekk il-kunsill lokali għamel xi minuti, jien f'liema sitwazzjoni qiegħed biex nivverifika… Mhux qed nitkellem fuq dan il-każ, jien lanqas naf fuq xiex inhu dan il-każ biex inkun onest, imma ejja ngħidu li jkun hemm minuti ta' kunsill lokali ta' Bubaqra – qed nivvinta – u xi ħadd jistaqsini biex inpoġġihom fuq il-Mejda tal-Kamra, b'xi mod jien inkun qed nilleġittima dawn il-minuti? Mela jien naf il-minuti jekk humiex awtentiċi jew jirriflettux dak li ġie diskuss?
>
> Allura jien, biex ma niħux ħin tal-Kamra, lest li noqgħod għal kwalunkwe direzzjoni li inti tagħtina, Sur President, però jien għamilt din ir-risposta mhux b'nuqqas ta' rispett lejn sieħbi, imma għaliex ġenwinament nemmen li jekk il-kunsilli huma awtonomi, għandhom ikunu awtonomi fix-xogħol kollu tal-operat tagħhom.

> **MR SPEAKER:** Se nerġa' nagħtik il-kelma, Onor. Robert Cutajar, fil-qosor imma.
>
> **ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Mr Speaker, kemm ngħidlek li d-Direttur tal-Kunsilli Lokali jobbliga lill-istess kunsill – direttur jaqa' taħt responsabilità – biex dawn ipoġġihom *online*. Allura naħseb li hemm punt ta' interpretazzjoni u għalhekk nitlob *ruling*."

Is-Sedja għamlet referenza għall-mistoqsija parlamentari magħmula mill-Onor. Robert Cutajar fit-8 ta' Marzu 2016 u li ġiet imwieġba mill-Ministru Owen Bonnici fis-seduta tal-bieraħ. Naqra li tgħid hekk:

> **"23810. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopji tal-minuti tas-seduti tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa numri 35, 38, 45, 46, 47, 48, 49 u 50 fejn saret referenza għall-*bye-law* dwar tisjir fil-beraħ fil-lokalità tal-Mellieħa?
>
> **ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor Interpellant li l-kunsilli lokali joperaw b'mod awtonomu fil-parametri li trid il-liġi."

Is-Sedja ħadet nota wkoll ta' dak li ntqal mill-Onor. Cutajar fir-rigward tal-obbligu li għandhom il-kunsilli lokali li jippubblikaw il-minuti tal-laqgħat tagħhom *on-line* u tifhem li dan l-obbligu joħroġ minn dak li hemm ipprovdut fl-artikolu 14A(8) tas-Sitt Skeda tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363) li jgħid hekk:

> "(8) Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jara li l-Minuti approvati jiġu mdaħħla sew fil-*file* u jkun responsabbli għall-kustodja tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu wkoll jara li l-minuti approvati jitpoġġew fuq il-*website* uffiċjali tal-Kunsill."

Is-Sedja tixtieq mill-ewwel tagħmel referenza għal numru ta' *rulings* li ngħataw fil-passat fejn ġie tenut li filwaqt li s-Sedja tirrakkomanda li sa fejn hu possibbli, jingħataw it-tweġibiet opportuni għall-mistoqsijiet li jkunu jolqtu ħwejjeġ pubbliċi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-ministru kkonċernat, hija m'għandha l-ebda dritt jew poter li tintervjeni fil-kontenut jew fil-mertu tat-tweġibiet mogħtija. Dan primarjament għaliex l-Ordnijiet Permanenti tagħna huma siekta fuq dan il-punt.

Is-Sedja, bħalma għamlet drabi oħra, u bħalma hija tenuta li tagħmel f'każijiet mhux koperti bl-Ordnijiet Permanenti, irrikorriet għall-użanzi u prattiċi tal-House of Commons skont l-Ordni Permanenti 197. Għalhekk is-Sedja qiegħda tagħmel referenza għal *ruling* mogħti minnha fis-Seduta 326 tas-17 ta' Novembru 2015 fejn ikkwotat dak li ddeċieda l-Ispeaker tal-House of Commons fis-seduta parlamentari tat-28 ta' Novembru 2001 (*House of Commons Debates Vol. 375, C971)* meta nqalgħet kwestjoni dwar it-tweġibiet parlamentari. Dakinhar l-Ispeaker qal hekk:

> "*It would be unwise for me to express a view on the adequacy of a particular Ministerial answer. There are bound to be two views on that, and neither is a matter for me.*"

Hawnhekk l-Ispeaker kien qed jgħid li meta tinqala' kwestjoni bħal din, ma jkunx għaqli li l-Ispeaker jipprova jiddeċiedi dwar liema huma l-fatti veri għaliex il-probabbiltà hija li jkun hemm żewġ veduti differenti u għaliex dan ma jaqax fil-mansjoni tas-Sedja. L-istess Speaker ikompli jgħid hekk:

> "*While it is for the House at large, not the Chair alone, to hold Ministers to those obligations, I can best discharge my responsibilities by suggesting ways in which Members might help themselves.*"

Hawnhekk is-Sedja terġa' tirreferi għall-pubblikazzjoni Nru 04148 tal-House of Commons maħruġa fis-6 ta' Mejju 2015 intitolata *Parliamentary questions: Recent Issues* minn Mark Sandford, kif ċitat f'*ruling* riċenti tagħha fis-Seduta 365 tas-7 ta' Marzu 2016, fejn jingħad dan li ġej:

> "*There are no formal appeal rights regarding answers that are considered by Members to be incomplete or otherwise unhelpful. In recent years, a number of Members have raised Points of Order because they have considered the answers they received to be inadequate. The Speaker's responses have referred to the standard routes open to Members: tabling further questions: complaining to the Procedure Committee (see section 2 below); seeking an adjournment debate; and writing to Ministers.*"

Jidher għalhekk li n-nuqqas ta' poter tas-Sedja fuq il-kontenut tat-tweġibiet għall-interpellanzi parlamentari jissussisti wkoll fil-Parlament Ingliż għalkemm hemm forma ta' rimedju taħt il-*procedure committee.*

Għaldaqstant is-Sedja qiegħda tiddeċiedi li m'għandhiex il-mansjoni li tidħol fil-mertu tat-tweġiba mogħtija mill-Ministru Owen Bonnici.

Fir-rigward tal-punt imqajjem mill-Onor. Robert Cutajar dwar l-interpretazzjoni, stante r-rimarka tal-Onor. interpellant li l-minuti tal-kunsill lokali għandhom jitqiegħdu *on-line*, is-Sedja tirrileva li lanqas hija l-mansjoni tagħha li tara jekk dan hux qed isir jew le. Dan mingħajr preġudizzju għall-fatt li minn eżami li għamlet illum is-Sedja, jidher li l-minuti msemmija fil-mistoqsija parlamentari 23810 huma kollha *on-line.*